**3 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Saviour Bezzina

**Trasport tal-Passiġġieri — "Yacht" — Liċenza — Art. 298, 285 u 286 tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

*"Yacht" għandu bżonn ta' liċenza tal-Pulizija biex jista' jittrasporta l-passiġġieri. Is-sid tal-"yacht" li jinnoleġġjah lil ħadd ieħor biex jiġu trasportati bih il-passiġġieri huwa ħati tal-kontravvenzjoni li għabba passiġġieri fuq il-"yacht", jekk dak il-mument ma kellux liċenza tal-Pulizija għal daqshekk.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' Saviour Bezzina, li bih appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-23 ta' Ottubru 1959 u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellanti ġie misjub ħati li fil-Port il-Kbir għabba passiġġieri fuq il-M/V St.

Francis mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, u ġie kundannat għall-ammenda ta' ħames xelini;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Irriżulta illi l-appellanti, bħala sid il-"motor vessel St. Francis", reġistrat bħala "yacht", innoleġġja l-istess yacht lill-aġenzija tal-vapuri "Smith", u kkonsenjahulu fid-29 ta' Awissu 1959. Dak inhar ix-xhud Joseph Mercieca ra l-yacht jgħabbi mill-moll tad-Dwana mal-15 sa 20 persuna u jieħu direzzjoni lejn l-Isla, fejn kien hemm sorġut vapur tat-turisti. Mercieca rrapporta lill-Pulizija li l-yacht kien qed jgħabbi l-passiġġieri. Irriżulta li għal dik is-sena l-yacht ma kellux permess tal-Pulizija għall-ġarr tal-passiġġieri;

L-appellanti xehed illi Smith kien talbu biex jinnoleġġjalu l-yacht għal Għawdex biex, kif qal li ħaseb l-istess appellant, jieħu hemmhekk xi turisti;

L-okkażjoni, in-numru tal-persuni, il-post tal-imbark, id-direzzjoni li ħa l-yacht, l-aġenzija li nnoleġġjatu, iwasslu għall-konklużjoni li l-yacht għabba numru konsiderevoli ta' turisti. Iċ-ċirkustanzi li taħthom l-appellant innoleġġja l-yacht, kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu, juru li huwa nnoleġġjaħ lid-ditta "Smith" għat-trasport ta' turisti;

Skond l-art. 298, 285 u 286 tal-Kodiċi tal-Pulizija, il-"motor vessel" in kwistjoni kellu bżonn tal-liċenza tal-Pulizija biex seta' jiġi użat ("plying" fit-test ingliż tal-liġi, "jaħdem" fit-test malti, u "adoperata" fit-test oriġinali taljan, art. 271, u "użati" fit-test malti tal-art. 295);

Kif jidher mid-dispożizzjonijiet tal-art. 286 sa 297 tal-Kodiċi riferit, l-interess tutelat mil-liġi hija s-sigurtà tal-persuna kontra infortunji marittimi waqt li tkun trasportata minn post għall-ieħor. Dan l-interess ġie vjolat partikolarment f'dan il-każ, fejn it-trasport ta' 15 sa 20 turista ovvjament kien qed isir b'vinkolu ta' obligazzjoni assunta mill-aġent, naturalment fuq bażi kummerċjali, u li għaliha

**serva n-noleġġ tal-yacht mill-appellanti, li kien jaf għal-fejn ser iservi;**

Għalhekk;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.